

Brussell, 13 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10599/21

ECOFIN 704
UEM 197
SOC 435
EMPL 314

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10339/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2021 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2021 taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, kif adottati mill-Kunsill fit-3808 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2021 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. IFAKKAR li fl-2020, l-UE sofriet minn reċessjoni ekonomika severa u konsegwenzi soċjoekonomiċi mingħajr preċedent tal-pandemija tal-COVID-19. Mir-rebbiegħa tal-2021, l-attività ekonomika qed tirkupra, hekk kif il-miżuri ta' konteniment qed jiġu gradwalment rilassati u t-tilqim miexi 'l quddiem, filwaqt li l-inċertezza għadha għolja.
2. JENFASIZZA l-importanza tal-koordinazzjoni mill-qrib u kontinwa tal-politika ekonomika tal-UE, inkluż l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jxekklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja jew l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-analiżijiet fil-fond tal-2021 fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
3. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-kriżi tal-COVID-19 ma bidlitx b'mod fundamentali n-natura tal-iżbilanċi tal-Istati Membri, filwaqt li l-kriżi implikat xkiel fit-tnaqqis osservat preċedentement tal-iżbilanċi u tista' żżid ir-riskji għall-istabbiltà makroekonomika. B'reazzjoni għall-kriżi, l-azzjoni politika matul is-sena li għaddiet żiedet id-dejn, iżda għandha tappoġġa l-aġġustament fit-terminu medju. Id-dejn pubbliku żdied b'mod konsiderevoli minħabba l-miżuri ta' appoġġ pubbliku meħtieġa biex itaffu l-impatt tax-xokk, filwaqt li żiedu ma' proporzjonijiet diġà għoljin tad-dejn f'diversi Stati Membri qabel il-kriżi tal-COVID 19. Id-dejn privat (b'mod partikolari tal-kumpanniji) żdied biex jindirizza t-tnaqqis fid-dħul li jirriżulta mil-lockdowns; diffikultajiet possibbli ta' ħlas lura jistgħu jwasslu għal żieda ta' self improduttiv, ladarba l-miżuri ta' appoġġ jitneħħew gradwalment. Id-defiċits fil-kont kurrenti baqgħu ġeneralment stabbli, ħlief għall-Istati Membri li soffrew l-aktar minn tnaqqis fit-turiżmu barrani; surplus favorevoli kbar fil-kont kurrenti jippersistu fxi Stati Membri, potenzjalment b'rilevanza transfruntiera. Il-prezzijiet tad-djar baqgħu għoljin fxi Stati Membri b'riskju ogħla ta' sopravvalutazzjoni. Fl-istess ħin, il-moderazzjoni tat-tkabbir fil-pagi naqqset il-prezzjonijiet tal-kompetittività tal-kostijiet matul il-kriżi tal-COVID-19.

4. JINNOTA li għadu diffiċli li jiġu vvalutati l-konsegwenzi sħaħ tal-kriżi, inkluż l-effetti strutturali tagħha. JIRRIKONNOXXI li l-kriżi tal-COVID-19 affettwat b'mod qawwi firxa wiesgħa ta' setturi, ktajjen tal-valur globali u ħafna reġjuni tal-UE. JIRRIKONNOXXI l-opportunitajiet u l-isfidi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż l-effetti reġjonali relatati possibbli, li jistgħu jaffettwaw l-iżbilanċi makroekonomiċi. JITLOB li jkun hemm monitoraġġ mill-qrib tal-iżbilanċi eżistenti u dawk emerġenti ġodda u li ssir distinzjoni bejn fatturi ċikliċi u strutturali.
5. JAQBEL mal-konferma tal-Kummissjoni li 12-il Stat Membru analizzati fl-analiżijiet fil-fond (il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, Spanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja) qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi ta' natura u grad ta' severità differenti skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Jaqbel li jeżistu żbilanċi eċċessivi fi tliet Stati Membri (il-Greċja, l-Italja u Ċipru).
6. IQIS li l-analiżijiet fil-fond jippreżentaw analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni tal-pajjiż f'kull Stat Membri taħt rieżami. JIRRIKONNOXXI li l-għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, ġew applikati bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija. JILQA' ż-żieda fl-importanza ta' analiżi li tħares 'il quddiem fil-kuntest tal-inċertezzi kbar attwali. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja kontinwa tal-valutazzjoni tal-effetti konsegwenzjali bejn il-pajjiżi.
7. JIEĦU NOTA li l-valutazzjoni fl-analiżijiet fil-fond tlestiet qabel il-finalizzazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza. JAQBEL li implimentazzjoni rapida, bir-reqqa u effettiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi opportunità biex jitnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti, billi jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti li jindirizzaw l-isfidi strutturali kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiċ-ċikli tal-2019 u l-2020 tas-Semestru Ewropew. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni sħiħa, effettiva u f'waqtha tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza ssaħħaħ it-tkabbir potenzjali oġġla, iżżid ir-reżiljenza ekonomika u tappoġġa rkupru ekonomiku sinifikanti.

8. JISSOTTOLINJA li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku hija proċedura ċentrali fi ħdan is-Semestru Ewropew. JITLOB li titkompla l-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, b'mod partikolari billi jinżamm rieżami regolari tal-iżviluppi, inkluż fil-qafas ta' monitoraġġ speċifiku, u billi jiġu eżaminati riskji potenzjali u emerġenti ġodda.
 9. ITENNI li l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha u b'mod trasparenti u konsistenti, filwaqt li tiġi żgurata s-sjieda tal-proċedura mill-Istati Membri, inkluż l-attivazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv fejn xieraq. JINNOTA li fiċ-ċirkostanzi attwali, il-Kummissjoni ma qisitx li huwa xieraq li tniedi l-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. ISOSTNI li kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi, iżda ma tipproponix il-ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv lill-Kunsill, din għandha tagħti spjegazzjoni għar-raġunijiet tagħha b'mod ċar u pubblikament. IFAKKAR li l-Kunsill ser jiddiskuti l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku bħala parti mir-rieżami tal-governanza ekonomika.
-